

Il-Ġurnal Uffiċjali L 176

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

5 ta' Ġunju 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/743 tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 fir-rigward tal-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/744 tal-4 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾** 4
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/745 tal-4 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1042 fir-rigward tal-posponiment tad-dati ta' applikazzjoni ta' ċerti miżuri fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 ⁽¹⁾** 11
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/746 tal-4 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 fir-rigward tal-posponiment tad-dati ta' applikazzjoni ta' ċerti miżuri fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 ⁽¹⁾** 13

Rettifika

- ★ **Rettifika għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti animali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019)** 15

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/743

tat-30 ta' Marzu 2020

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 fir-rigward tal-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 37(c)(i) u (iv) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-mard tal-pjanti u l-infestazzjonijiet tal-pesti ilhom għadd ta' snin jagħmlu l-ħsara lill-produzzjoni tal-frott u l-ħxejjex fl-Unjoni. Ngħidu aħna, fil-perjodu mill-2013 sal-2018, it-tifqigħat u t-tixrid taż-*Xyllela fastidiosa* laqtu, fost l-oħrajn, siġar tal-frott tal-għadma, bħall-għanbaqar, iċ-ċirasa u l-lewż fl-Italja, fi Spanja u fi Franza. Fis-snin 2018-2019, l-introduzzjoni u t-tixrid invażiv tal-virus tal-frott imkemmex u kannella tat-tadam (*ToBRFV*) għamlu ħsara lill-produzzjoni tat-tadam (*Solanum lycopersicum L.*) u tal-bżar ħelu (*Capsicum annuum*) fl-Italja u fil-Ġermanja. F'dak li jirrigwarda l-pesti, pereżempju l-*Eurytoma schreineri Schreiner* li daħlet fl-Unjoni permezz ta' importazzjonijiet fl-2013, ikkaġunat il-ħsara lill-produzzjoni tal-għanbaqar, tal-berquq u taċ-ċirasa fil-Bulgarija u fil-pajjiżi tal-madwar. Iktar riċentement, fl-2019, l-ispallut kannella rħami tal-Lvant (*Halyomorpha halys*) ikkaġuna telf kbir fil-produzzjoni fir-reġjuni tat-Tramuntana tal-Italja, speċifikament fl-Emilia-Romagna, fil-Veneto, fit-Trentino-Alto Adige, fil-Lombardia, fil-Piemonte u fil-Friuli-Venezia Giulia, u kellha impatt negattiv fuq il-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi li joperaw f'dawk ir-reġjuni.
- (2) Fid-dawl taż-żieda fil-frekwenza tal-ħsarat fitosanitariji, jeħtieġ soluzzjoni fit-tul rigward il-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom għall-futur. Jeħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 ⁽²⁾ billi tiġi prevista flessibilità fil-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fl-Unjoni f'każ li jħabbtu wiċċhom ma' ħsarat fitosanitariji, tant li l-produzzjoni ma tibqax tajba għall-konsum jew għall-ipproċessar.
- (3) It-telf kbir fil-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata, ikkaġunat minn ħsarat fitosanitariji, għandu impatt kbir ħafna fuq l-ammont ta' għajjnuna tal-Unjoni li jirċievu l-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-sena ta' wara, billi l-ammont ta' għajjnuna tal-Unjoni jiġi kkalkulat bħala perċentwal tal-valur tal-produzzjoni kummerċjalizzata ta' kull organizzazzjoni tal-produtturi. Fejn tintilef parti kbira mill-ħsad jew fejn jintilef il-ħsad kollu, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jirriskjaw li jtilflu r-rikonoxximent tagħhom, billi wieħed mill-kriterji għar-rikonoxximent huwa li jilhq u ċertu valur minimu ta' produzzjoni kummerċjalizzata, iffissat fil-livell nazzjonali. Dan iwassal għal telf ekonomiku doppju, li jipperikola l-istabbiltà fit-tul tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/891 tat-13 ta' Marzu 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għas-setturi tal-frott u l-ħaxix u tal-frott u l-ħaxix ipproċessat u li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-penali li jridu jiġu applikati f'dawk is-setturi u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2011 (ĠU L 138, 25.5.2017, p. 4).

- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li tkun permessa aktar flessibbiltà fir-rigward tal-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Dan huwa neċessarju sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jinvestu f'miżuri preventivi, u li xorta waħda jgħarrbu ħsara fitosanitarja sostanzjali, mhux biss iġarrbu telf tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tagħhom, iżda jaraw kif l-assistenza finanzjarja mill-Unjoni titnaqqas b'mod sostanzjali u għal għarrieda fis-sena ta' wara. Madankollu, jenħtieġ li tali flessibbiltà fil-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata tkun disponibbli biss għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jagħtu prova li hađu l-miżuri preventivi meħtieġa kontra l-mard tal-pjanti u l-infestazzjonijiet tal-pesti, bħal xbieki ta' protezzjoni, il-monitoraġġ tal-pesti u tal-mard, il-kontroll bijoloġiku tal-pesti, u miżuri oħra li jnaqqsu l-okkorrenzi tal-pesti, tal-mard u tal-ħsarat li dawn jagħmlu lill-produzzjoni.
- (5) Fid-dawl taż-żieda fil-frekwenza tal-infestazzjonijiet tal-pesti jew tal-mard tal-pjanti, u minħabba fihom it-telf sostanzjalment akbar fil-produzzjoni meta mqabbel ma' ħsarat marbutin mat-temp, is-salvagwardja stabbilita bl-Artikolu 23(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, li skontha l-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' prodott irid jitqies li jirrappreżenta 65 % tal-valur tiegħu fil-perjodu ta' referenza ta' qabel, mhijiex biżżejjed.
- (6) Għaldaqstant, u minħabba l-bżonn li tinkiseb l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi milqutin minn telf kbir fil-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata minħabba ħsarat fitosanitarji, jenħtieġ li jiżdied il-livell limitu għall-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata. Fid-dawl ta' dan, u filwaqt li jitqiesu l-ħsarat sinifikanti kkaġunati mill-infestazzjonijiet tal-pesti riċenti, jenħtieġ li l-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata stipulat fl-Artikolu 23(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891 jiżdied sa 85 %.
- (7) Fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' programmi operattivi skont is-snin kalendarji, u filwaqt li jitqies li l-kalkolu tal-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata li jiddetermina l-ammont ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni jibbaża fuq is-sena kalendarju ta' qabel, jeħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (8) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/891 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament Delegat (UE) 2017/891

Fl-Artikolu 23 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/891, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'li ġej:

“4. Fejn ikun sar tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-valur ta' prodott minħabba raġunijiet li jaqgħu barra mir-responsabbiltà u l-kontroll tal-organizzazzjoni tal-produtturi, il-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' dak il-prodott għandu jitqies li jirrappreżenta 65 % tal-valur tiegħu fil-perjodu ta' referenza ta' qabel. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha tagħti prova lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li daww ir-raġunijiet kienu jaqgħu barra mir-responsabbiltà u l-kontroll tagħha.

Fejn ikun sar tnaqqis ta' mill-inqas 35 % fil-valur ta' prodott minħabba mard tal-pjanti jew infestazzjonijiet ta' pesti li jaqgħu barra mir-responsabbiltà u l-kontroll tal-organizzazzjoni tal-produtturi, il-valur tal-produzzjoni kkummerċjalizzata ta' dak il-prodott għandu jitqies li jirrappreżenta 85 % tal-valur tiegħu fil-perjodu ta' referenza ta' qabel. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha tagħti prova lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat li hađet il-miżuri preventivi meħtieġa kontra l-marda tal-pjanti jew l-infestazzjoni tal-pest ikkonċernata.

Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll għad-determinazzjoni tal-konformità mal-valur minimu tal-produzzjoni kkummerċjalizzata kif previst fl-Artikolu 9.”

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/744**tal-4 ta' Ġunju 2020****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 109a(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fl-Anness tiegħu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1800 ⁽²⁾ jispeċifika, fost l-oħrajn, il-korrispondenza tal-valutazzjonijiet tal-kreditu rilevanti maħruġa minn istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu ("ECAI") għall-klassijiet tal-mertu tal-kreditu stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu I tat-Titolu I tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 ⁽³⁾ ("Valutazzjonijiet tal-kreditu esterni").
- (2) Wara l-emendi li saru l-aħħar fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/633 ⁽⁴⁾, il-fatturi kwantitattivi u kwalitattivi li jirfdu l-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ċertu mmappjar fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 nbidlu. Barra minn hekk, xi ECAI estendew il-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom għal segmenti ġodda tas-suq, li rriżulta fi skali ta' klassifikazzjoni ġodda u tipi ġodda ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Għaldaqstant huwa meħtieġ li l-immappjar tal-ECAI kkonċernati jiġi aġġornat.
- (3) Mill-adozzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/633 ġiet irreġistrata aġenzija oħra tal-klassifikazzjoni tal-kreditu skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾. Billi l-Artikolu 136(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾ jirrekjedi li jiġi speċifikat l-immappjar tal-ECAI kollha, irid isir l-immappjar tal-ECAI li għadha kemm ġiet irreġistrata. Il-valutazzjonijiet tal-kreditu li jiġu applikati mill-ECAI rreġistrata għida huma msejsa fuq l-istess metodoloġija bħal dik li tiġi applikata mill-kumpanija omm tagħha, ECAI ta' pajjiż terz li għaliha diġà ġie stabbilit immappjar. Għaldaqstant, f'dan il-każ speċifiku jkun xieraq li l-immappjar tal-ECAI rreġistrata għida jirrefletti l-immappjar stabbilit fir-rigward tal-ECAI ta' pajjiż terz.
- (4) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati b'mod konġunt mill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) (l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej) lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1800 tal-11 ta' Ottubru 2016 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 275, 12.10.2016, p. 19).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u r-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/633 tal-24 ta' April 2018 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 105, 25.4.2018, p. 6).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-reqwiziti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

- (5) L-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej wettqu konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implementazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzaw il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbu l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁷⁾, l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾, u l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tal-Oqsma tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1800 hu sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽⁷⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

⁽⁸⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

⁽⁹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

L-allokazzjoni tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu ma' skala oġġettiva tal-klassi tal-mertu tal-kreditu f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE

Klassi tal-mertu tal-kreditu	0	1	2	3	4	5	6
ACRA Europe a.s (precedentem European Rating Agency a.s.)							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir		S1		S2	S3, S4, NS		
AM Best Europe-Rating Services Ltd.							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil	aaa	aa, aa-	a+, a, a-	bbb+, bbb, bbb-	bb+, bb, bb-	b+, b, b-	ccc+, ccc, ccc-, cc, c, d, e, f, s
Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil	aaa	aa, aa-	a+, a, a-	bbb+, bbb, bbb-	bb+, bb, bb-	b+, b, b-	ccc+, ccc, ccc-, cc, c, d, s
Skala tal-klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja		A++, A+	A, A-	B++, B+	B, B-	C++, C+	C, C-, D, E, F, S
Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir		AMB-1+	AMB-1-	AMB-2, AMB-3	AMB-4, d, e, f, s		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		AMB-1+	AMB-1-	AMB-2, AMB-3	AMB-4, d, s		
ARC Ratings S.A.							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien medju u twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien medju u twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
ASSEKURATA Assekuranz Rating-Agentur GmbH							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC/C, D
Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien qasir		A++	A		B, C, D		
Axesor Risk Management SL							

Skala tal-klassifikazzjoni globali	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D, E
<i>Banque de France</i>							
Skala globali tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil		3++	3+, 3	4+	4, 5+	5, 6	7, 8, 9, P
<i>BCRA - Credit Rating Agency AD</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala għal klassifikazzjonijiet fuq terminu ta' żmien twil ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-pensjoni	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala għal klassifikazzjonijiet fuq terminu ta' żmien qasir ta' kumpaniji tal-assigurazzjoni tal-pensjoni		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
Skala għal klassifikazzjonijiet fuq terminu ta' żmien twil ta' fondi ta' pensjoni	AAA pf	AA pf	A pf	BBB pf	BB pf	B pf	C pf
Skala għal klassifikazzjonijiet fuq terminu ta' żmien twil ta' fondi ta' garanzija	AAA	AA	A	BBB	BB	B	C, D
Skala għal klassifikazzjonijiet fuq terminu ta' żmien qasir ta' fondi ta' garanzija		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
<i>Capital Intelligence Ratings Ltd</i>							
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	C, RS, SD, D
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tas-solidità finanzjarja tal-assiguraturi	AAA	AA	A	BBB	BB	B	C, RS, SD, D
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir		A1+	A1	A2, A3	B, C, RS, SD, D		
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		A1+	A1	A2, A3	B, C, D		
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir tas-solidità finanzjarja tal-assiguraturi		A1+	A1	A2, A3	B, C, RS, SD, D		
<i>Cerved Rating Agency S.p.A.</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni korporattiva fuq terminu ta' żmien twil	A1.1	A1.2, A1.3	A2.1, A2.2, A3.1	B1.1, B1.2	B2.1, B2.2	C1.1	C1.2, C2.1
<i>Creditreform Rating AG</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A		BBB	BB	B, C, SD, D
<i>CRIF Ratings S.r. l.</i>							

Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tal-emittenti	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D1S, D
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tal-ħruġ	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, DS
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir tal-emittenti		IG-1		IG-2	SIG-1, SIG-2, SIG-3, SIG-4		
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir tal-ħruġ		IG-1		IG-2	SIG-1, SIG-2, SIG-3, SIG-4		
Dagong Europe Credit Rating							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir		A-1		A-2, A-3	B, C, D		
DBRS Ratings Limited							
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tal-obbligazzjonijiet	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-karti kummerċjali u tad-dejn fuq terminu ta' żmien qasir		R-1 H, R-1 M	R-1 L	R-2, R-3	R-4, R-5, D		
Skala tal-klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja		AAA, AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, R
Egan-Jones Ratings Co.							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2	A-3, B, C, D		
Euler Hermes Rating GmbH							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, SD, D
EuroRating Sp. z o.o.							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Fitch Ratings							
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tal-inadempjenza tal-emittent	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, RD, D
Obbligazzjonijiet finanzjarji tal-kumpaniji - Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-IFS fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C

Skala tal-klassifikazzjoni tal-kontropartijiet tad-derivattivi	AAA dcr, AA dcr	A dcr	BBB dcr	BB dcr	B dcr	CCC dcr, CC dcr C dcr
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir	F1+	F1	F2, F3	B, C, RD, D		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-IFS fuq terminu ta' żmien qasir	F1+	F1	F2, F3	B, C		
GBB-Rating Gesellschaft für Bonitätsbeurteilung mbH						
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A, BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
HR Ratings de México, S.A. de C. V.						
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	HRAAA (G)	HR AA (G)	HR A(G)	HR BBB(G)	HR BB(G)	HR B(G) HR C(G)/HR D(G)
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir	HR+1 (G)	HR1(G)	HR2(G)	HR3(G)	HR4(G), HR5 (G), HR D(G)	
ICAP Group S.A						
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil		AA, A	BB, B	C, D	E, F	G, H
INC Rating Sp. z o.o.						
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil		AA	A	BBB	BB	B CCC, CC, C, D
Japan Credit Rating Agency Ltd						
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil tal-emittenti	AAA	AA	A	BBB	BB	B CCC, CC, C, LD, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir		J-1+	J-1	J-2	J-3, NJ, LD, D	
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		J-1+	J-1	J-2	J-3, NJ, D	
Kroll Bond Rating Agency						
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir		K1+	K1	K2, K3	B, C, D	
Kroll Bond Rating Agency Europe						

Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq terminu ta' żmien qasir		K1+	K1	K2, K3	B, C, D		
<i>modeFinance S.r.l.</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	A1	A2	A3	B1	B2	B3	C1, C2, C3, D
<i>Moody's Investors Service</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	Aaa	Aa	A	Baa	Ba	B	Caa, Ca, C
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir		P-1	P-2	P-3	NP		
<i>QIVALIO SAS (preċedentement Spread Research)</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni globali fuq terminu ta' żmien qasir		SR0		SR1, SR2	SR3, SR4, SR5, SRD		
<i>Rating-Agentur Expert RA GmbH</i>							
Skala internazzjonali tal-klassifikazzjoni tal-kreditu	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D, E
Skala tal-klassifikazzjoni tal-affidabilità internazzjonali	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D, E
<i>Scope Ratings AG</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni fuq terminu ta' żmien qasir		S-1+	S-1	S-2	S-3, S-4		
<i>S&P Global Ratings</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, R, SD/D
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien twil	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D
Skala tal-klassifikazzjoni tas-solidità finanzjarja tal-assiguratur	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, SD/D, R
Skala tal-klassifikazzjoni għall-evalwazzjoni ta' nofs is-suq			MM1	MM2	MM3, MM4	MM5, MM6	MM7, MM8, MMD
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-emittenti fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, R, SD/D		
Skala tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ fuq terminu ta' żmien qasir		A-1+	A-1	A-2, A-3	B, C, D		
<i>The Economist Intelligence Unit Ltd</i>							
Skala tal-klassifikazzjoni sovrana	AAA	AA	A	BBB	BB	B	CCC, CC, C, D"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/745**tal-4 ta' Ġunju 2020****li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1042 fir-rigward tal-posponiment tad-dati ta' applikazzjoni ta' ċerti miżuri fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23, l-Artikolu 31 u l-Artikolu 62(15) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-miżuri li ddaħħlu biex titrażżan il-pandemija tal-COVID-19 ixekklu serjament il-kapaċità tal-Istati Membri u tal-industrija tal-avjazzjoni biex iħejju għall-applikazzjoni ta' għadd ta' Regolamenti ta' Implimentazzjoni li ġew adottati dan l-aħħar fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni.
- (2) Il-konfinament u t-tibdil li seħħ fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-disponibbiltà tal-impjegati, flimkien mal-ammont ta' xogħol addizzjonali meħtieġ biex jiġu ġestiti l-konsegwenzi negattivi sinifikanti tal-pandemija tal-COVID-19 għall-partijiet ikkonċernati kollha, qegħdin iżommu lura t-tħejjijiet għall-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni.
- (3) Ir-rekwiżiti ġodda għall-ittestjar għall-alkoħol, għal programmi ta' appoġġ mill-pari, u għall-valutazzjonijiet psikoloġiċi tal-bdoti kif introdotti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1042⁽²⁾ ma jistgħux jiġu applikati mill-Istati Membri fiż-żmien stipulat f'dak ir-Regolament, jiġifieri sal-14 ta' Awwissu 2020, minħabba li l-Istati Membri adottaw diversi miżuri ta' konfinament. L-Istati Membri mhumiex f'pożizzjoni li jiżguraw li l-ekwipaġġi se jkollhom il-possibbiltà li jikkonformaw mal-obbligi l-ġodda introdotti bir-Regolament (UE) 2018/1042, għaliex dan jista' jfikkol id-disponibbiltà tal-ekwipaġġi meta t-titjriet jergħu jibdeu fil-kuntest tal-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19. Jenħtieġ għalhekk li d-data tal-applikazzjoni ta' daww ir-rekwiżiti tiġi posposta b'sitt xhur biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jgħaddu għall-impatt negattiv tal-ittardjar fl-implimentazzjoni ta' daww il-miżuri minħabba l-pandemija tal-COVID-19.
- (4) L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ikkonfermat lill-Kummissjoni li l-posponiment tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-premessa 3 ikun possibbli mingħajr effett negattiv fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni, peress li se jkun għal perjodu limitat ħafna u fil-kuntest tal-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19, it-traffiku tal-ajru x'aktarx jerġa' jibda bil-mod u gradwalment, b'esponiment aktar baxx għar-riskji identifikati fil-qasam tal-ittestjar għas-sustanzi psikoattivi u tal-programmi ta' appoġġ psikoloġiku.
- (5) Biex l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati kollha jingħataw l-eżenzjoni immedjata li jeħtieġu matul il-pandemija tal-COVID-19 u jkunu jistgħu jadattaw l-pjanijiet tagħhom biex iħejju għall-applikazzjoni posposta tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/1042 tat-23 ta' Lulju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012, fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi relatati mal-introduzzjoni ta' programmi ta' appoġġ, mal-valutazzjoni psikoloġika tal-ekwipaġġ tat-titjira, kif ukoll mal-ittestjar aleatorju u sistematiku għas-sustanzi psikoattivi sabiex tiġi żgurata l-idoneità medika tal-membri tal-ekwipaġġ tal-kabina u tat-titjira, u fir-rigward tat-tgħammir tal-ajruplani ġodda li jaħdmu b'magna b'turbina b'massa massima ta' tluġh iċċertifikata ta' 5 700 kg jew inqas approvati biex iġorru minn sitta sa disa' passiġġieri b'sistema ta' twissija u ta' għarfien tat-teren, (ĠU L 188, 25.7.2018, p. 3).

- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2018/1042, it-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Madankollu, il-punti 1 u 3 tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-14 ta' Frar 2021 u l-punti 3(f) u 6(b) tal-Anness għandhom japplikaw mill-14 ta' Awwissu 2018.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/746**tal-4 ta' Ġunju 2020****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 fir-rigward tal-posponiment tad-dati ta' applikazzjoni ta' ċerti miżuri fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-miżuri li ddaħħlu biex titrażżan il-pandemija tal-COVID-19 ixekklu serjament il-kapaċità tal-Istati Membri u tal-industrija tal-avjazzjoni biex iħejju għall-applikazzjoni ta' għadd ta' Regolamenti ta' Implimentazzjoni li ġew adottati dan l-aħħar fil-qasam tas-sikurezza tal-avjazzjoni.
- (2) Il-konfinament u t-tibdil li seħħ fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-disponibbiltà tal-impjegati, flimkien mal-ammont ta' xogħol addizzjonali meħtieġ biex jiġu ġestiti l-konsegwenzi negattivi sinifikanti tal-pandemija tal-COVID-19 għall-partijiet ikkonċernati kollha, qed iżommu lura t-tħejjijiet għall-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni.
- (3) B'konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, se jkun inevitabbli li tittardja l-eżekuzzjoni tal-kompiti differenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 ⁽²⁾, b'mod partikolari l-istabbiliment ta' sistemi ta' reġistrazzjoni diġitali u interoperabbli, kif ukoll l-adattament tal-awtorizzazzjonijiet, tad-dikjarazzjonijiet u taċ-ċertifikazzjonijiet maħruġa abbażi tal-liġi nazzjonali.
- (4) Il-proċess ta' standardizzazzjoni u attivitajiet relatati oħra mmexxija mill-industrija u mill-korpi ta' standardizzazzjoni, bħat-tħejjija tal-metodoloġiji tal-ittestjar, jew l-ittestjar ta' karatteristiċi tekniċi, bħalma hija l-identifikazzjoni mill-bogħod, ittardjaw. Dan, imbagħad, se jkollu impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-manifatturi li jqiegħdu fis-suq sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord ("UAS") li jissodisfaw ir-rekwiżiti standardizzati ġodda skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 ⁽³⁾.
- (5) Jenħtieġ għalhekk li t-tipi kollha ta' UAS jiġihallew jibqgħu joperaw fil-kundizzjonijiet eżistenti għal sitt xhur addizzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li d-dati tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 jiġu posposti kif meħtieġ biex l-operaturi tal-UAS ikunu jistgħu jużaw UAS li ma jikkonformawx mar-Regolament Delegat (UE) 2019/945 għal sitt xhur addizzjonali.
- (6) L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea kkonfermat lill-Kummissjoni li l-posponiment tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-premessa 3 ikun possibbli mingħajr effett negattiv fuq is-sikurezza tal-avjazzjoni, peress li se jkun għal perjodu limitat ħafna u t-traffiku tal-ajru x'aktarx jerġa' jibda bil-mod fil-kuntest tal-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u b'hekk l-esponiment għar-riskji jkun iżgħar, filwaqt li l-liġi nazzjonali tibqa' tapplika f'dawk l-Istati Membri li jippermettu l-operazzjonijiet tal-UAS.
- (7) Biex l-awtoritajiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati kollha jingħataw l-eżenzjoni immedjata li jeħtieġu matul il-pandemija tal-COVID-19 u jkunu jistgħu jadattaw il-pjanijiet tagħhom biex iħejju għall-applikazzjoni posposta tad-dispożizzjonijiet ikkonċernati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139,

⁽¹⁾ ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 tal-24 ta' Mejju 2019 dwar ir-regoli u l-proċeduri għall-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 45).

⁽³⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 tat-12 ta' Marzu 2019 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 20, "l-1 ta' Lulju 2022" huwa sostitwit b"l-1 ta' Jannar 2023";
- (2) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 1, "l-1 ta' Lulju 2021" huwa sostitwit b"l-1 ta' Jannar 2022";
 - (b) fil-paragrafu 2, "l-1 ta' Lulju 2021" huwa sostitwit b"l-1 ta' Jannar 2022";
 - (c) fil-paragrafu 3, "l-1 ta' Lulju 2022" huwa sostitwit b"l-1 ta' Jannar 2023";
- (3) fl-Artikolu 22, "sentejn" huwa sostitwit bi "30 xahar";
- (4) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:
 - (a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandu japplika mill-31 ta' Diċembru 2020.";
 - (b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-Paragrafu 3 tal-Artikolu 15 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 131 tas-17 ta' Mejju 2019)

Fil-paġna 28, fil-punt (c) tal-Artikolu 13(1),

minflok: “(c) ġelbin u żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' ġelbin u msemija bil-kodiċi SA li ġejjin: 0704 90, 0706 90, 0708 10, 0708 20, 0708 90, 0713 10, 0713 33, 0712 34, 0712 35, 0713 39, 0713 40, 0712 50, 0712 60, 0713 90, 0910 99, 1201 10, 1201 90, 1207 50, 1207 99, 1209 10, 1209 21, 1209 91 jew 1214 90 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.”

aqra: “(c) ġelbin u żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' ġelbin u msemija bil-kodiċi SA li ġejjin: 0704 90, 0706 90, 0708 10, 0708 20, 0708 90, 0713 10, 0713 33, 0713 34, 0713 35, 0713 39, 0713 40, 0713 50, 0713 60, 0713 90, 0910 99, 1201 10, 1201 90, 1207 50, 1207 99, 1209 10, 1209 21, 1209 91 jew 1214 90 tat-Tieni Parti tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87.”

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

